**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Lulju, 2017

Rikors numru : 422/2014 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fl- 14 ta' Dicembru 1984 (Dok. A) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Illi l-partijiet mhumiex separati legalment izda ilhom ma jghixu flimkien ghal iktar minn erba (4) snin matul il-hames snin precedenti. Fil-fatt il-partijiet iljhom ma jghixu flimkien ghal ghexiren ta' snin.

Illi ma hemm ebda manteniment jew arretrati ta' manteniment dovut lill-intimata.

Illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi l-ebda wahda mill-partijiet ma ghamlu sallum talba ghas-separazzjoni personali.

Illi l-esponent jikkonferma li l-avukat tieghu ssodisfa r-rekwiziti tal-artikolu 66G tal-Kodici Civili kif jirrizulta minn nota hawn annessa (Dok. B).

Illi ghalhekk il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikoli 66B u 66G tal-Kodici Civili.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien prefiss mill-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata minnha bil-gurament taghha, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi l-esponenti ghandha ir-rizervi dwar il-kapacita' tar-rikorrenti li jiddistingwi bejn l-effetti ta' separazzjonij personali u divorzju u ghalhekk qabel kollox ghandu jigi accertat illi r-rikorrenti ghandu din il-kapacita;
2. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-esponenti tiddikjara illi l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin ghal snin twal izda ir-rikorrenti dejjem ghadda manteniment lill-esponenti, sia pure mhux f'somma fissa. Illi kemm qabel ma gie rikoverat f'Roseville Home, meta il-partijiet kienu jiltaqghu prattikament kulljum, u kemm ilu hekk rikoverat, fejn l-esponenti tivvisitah regolarment darbtejn f'gimgha, huwa dejjem hallas lil martu manteniment u ghalhekk l-esponenti tixtieq li, fl-eventwalita' li jigi pronunzjat id-divorzju bejniethom, issa hija ikollha id-dritt ghall-istess hlas;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Ottubru, 2014;

Rat illi permezz tar-risposta taghha l-intimata oggezzjonat li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur peress illi hija ippretendiet li jkollha dritt ghall-hlas ta' manteniment minghand ir-rikorrenti;

Rat illi l-partijiet ghaddew minn procedura ta' medjazzjoni;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Semghet lix-xhieda li tressqu, rat id-dokumenti kollha li gew esebiti u l-provi kollha li gew prodotti;

Rat illi waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju, 2017 l-intimata irrinunzjat ghad-dritt taghha li tircievi xi manteniment minghand ir-rikorrenti;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn seba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.